MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 160/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandro Camilleri)**
**Vs**
**Raymond Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn il-25 ta' Jannar, 2008 u l-14 ta' Marzu, 2008, naqas milli jaghti l-manteniment lil martu Salvina Grech skond digriet nru. 423/04 mahrug mill-Imhallef Onor. J. Azzopardi LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w kwindi tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni, htija w piena w, minghajr pregudizzju w f'kaz illi dan l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fil-parti tal-piena w b'hekk tinfliggi piena aktar idonea w li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. illi fl-ewwel lok l-ammont allegatament mhux imhallas bhala manteniment ma giex ippruvat illi ghadu dovut, u dan stante illi l-appellant hallas ammont ta' seba' mija w hamsa w erbghin Euro fid-29 ta' Frar, 2008, kif tixhed ircevuta dwar dan il-pagament li sar bejn l-avukati rispettivi taz-zewgt partijiet;
2. illi l-akkuza kif formolata, tindika bhala perjodu li fih ma sarx pagament bhala 25 ta' Jannar, 2008 sal-14 ta' Marzu, 2008, u allura d-dati ta' meta allegatament sehh dan ir-reat huma konfliggenti stante li sehh pagament fil-29 ta' Frar, 2008 kif inhu indikat fid-debita ricevuta;
3. illi r-reat skond l-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi jrid ikun hemm perjodu ta' hmistax il-jum minn meta jiddekorri l-ammont dovut skond ordni, kuntratt jew digriet ta' Qorti, sabiex l-elementi tar-reat effettivament ikunu immaterjalizzaw;
4. illi sabiex l-appellant ikun jista' jkun puntwali fil-hlas ghal manteniment sahansitra kemm il-darba baqa' mcahhad minn nfieq necessarju ghal hajja ta' kulljum, u dan nonostante illi martu qeghedha tghix hajja adultera kif jirrizulta minn xhieda taghha stess mghotija waqt seduta mizmuma fit-13 ta' Novembru 2006, quddiem il-perit tekniku Dr. Anna Mallia LL.D., fejn hija stqarret, *"Londra qaghdna fl-istess karma",* cioe' hija martu qaghdet fl-istess karma mas-sieheb taghha, meta kienet mieghu Londra waqt li ghada pendenti l-kawza tas-separazzjoni;

5. illi l-*animo legis* tar-reat addebitat lill-appellant ikun manifest u materjalizzat meta l-imputat jonqos li jmanti lil martu jew uliedu minhabba hajja bla qies jew nuqqas ta' kont tax-xoghol, u dan kif elenkat f'diversi sentenzi mghotija fi stadju ta' appell;
6. illi inoltre dwar il-piena nflitta, l-appellant jirritjeni illi l-piena li biha gie kkundannat mill-Ewwel Qorti hija wahda harxa z-zejjed.

Rat pero' li dawn l-aggravji gew kollha - hlief l-ahhar wiehed - irtirati mill-appellant li llimita' l-aggravji tieghu ghall-piena.

Rat illi kemm fis-seduta tal-lum kif ukoll f' seduta precedenti thallsu b'kollox lill-parte civile s-somma ta' hamest elef, erba' mija w erba' Euro u seba' w ghoxrin centezmu (€ 5404.27) fil-mori tal-appell li zgur ikopru l-manteniment dovut ghax-xhur indikati fl-imputazzjoni, <u>b' dana li jibqa' impregudikat kull ammont bilancjali li talvolta jista' jkun ghadu dovut lill-parte civile fi hlas ta' manteniment dovut sal-lum.</u>'

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament, l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. Meta dan il-ghan jintlahaq bil-pagament tal-ammont ghas-sodisfazzjon shih ta' mart l-appellant, ikun hemm lok ghal temperament fil-piena. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Publius Said"** [25.9.2003] u ohrajn).

Ghalhekk, in vista ta' dan l-izvilupp positiv li sehh biss fil-mori tal-appell, jidher li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi,

filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal xahar detenzjoni w minflok tilliberah bil-kondizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sentejn mill-lum, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------